Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 319/2016

Il-Pulizija

Spt Nicholas Vella

Vs

David Bugeja

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Bugeja detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 133573 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer u cioe' go garaxx bla numru li jinsab fi Triq bla isem, kantuniera ma Triq iI-Kultelazz, Mosta, nhar 1-24 ta' Lullu, 2014 ghall-habta tal-15:30 hrs kif ukoll fix-xhur / snin ta' qabel:

1. Ghamilt xi haga minghajr licenzja ta' 1-awtorita' kompetenti u cioe ghamilt xoghol ta' spray fuq karozza, meta din il-licenzja hija mehtiega mill-ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi.

2. U iktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi nqast li tobdi l-ordni legittima moghtija lilek minn PS 455 ufficcjal pubbliku waqt li kien

qed jaqdi d-dover tieghu jew ma hallejtx jew fixkilt jew indhalt lill-imsemmi ufficcjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

3. U iktar talli ghamilt hsara volontarja fuq gallarija ta' Diane Camilleri li tinsab fl-istess post ghall-ammont ta' 384.68 euros u dan ghad-dannu ta' l-imsemmija persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 17 u 338 (ee)(gg) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, ssibu hati tal-ewwel u it-tieni imputazzjoni, u tikkundannah ghal ammenda ta' 110 Euro.

Inoltre tordna lill-hati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, ihallas is-somma ta' €1032.83 lir-Registratur tal-Qorti.

Finalment ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, taghti zmien xahrejn lill-imputat sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lil MEPA Sezzjoni tal-Infurzar kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat David Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex tvarja u timmodifika din id-decizjoni, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tielet akkuza, tilliberah minn kull piena u imputazzjoni taht l-ewwel u t-tieni akkuza; u fl-eventwalita' li-Qorti tikkonferma s-sentenza in toto, tvarjaha pero' f' dik il-parti fejn ordnat lill-esponent taht l-Artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex jikkonforma ruhu mal-ligi billi tirrevoka tali ordni, billi mhix applikabbli ghac-cirkostanzi ghar-ragunjiet fuq imsemmija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u fis-semplicit& tieghu jikkonsisti fis segwenti:

Illi ma jirrizultax b' mod car illi l-esponent ma kienx jipposjedi l-permessi relattivi peress li mill-provi kollha li ngiebu, m' huwiex eskluz illi l-esponent jipposjedi trading licence sabiex jopera mill-post in kwestjoni, prova li kellha tingieb mill-prosekuzzjoni. Il-fatt li hareg enforcement order mill-MEPA fih innifsu m' huwiex prova li ma kinux jezistu tali permessi. Ghall-kuntrarju, jirrizulta li l-esponent jipposjedi licenzja l-MCCAA ghat-tiswija ta' vetturi bil-mutur.

Illi kif osservat l-istess Qorti, l-esponent, flimkien ma' ohrajn, ilhom snin twal, joperaw negozju ta' kull xorta mill-akkwata msemmija, u dan b' akkwijixenza manifesta ta' l-Istat, tant illi l-istess esponent kellu s-servizzi kollha necessarji provvduti mill-Istat, biex jezercita s-sengha tieghu fit-tiswija tal-vetturi. Lanqas l-esponent ma jista' jaqbel ma dak li qalet il-Qorti li mill-atti processwali ma jirrizultax li ghandu l-licenzji kollha necessarji peress li jidher li l-unika prova li hemm kienet dik tal-MEPA u ebda dipartiment governattiv iehor.

Illi fit-tieni lok ma jistax jinghad illi ikkommetta r-reat fl-akkuza numru tnejn (2) u cioe' li m' obdiex l-ordni legittima moghtija lilu; peress li ried jirrizulta b' mod car x' inhi din l-ordni u li fil-fatt, minghajr htiega ta' procedure gudizzjarji, kellha tkun obduta. Li Pulizija semplicement jghidlek li ma tistax topera ghax m' ghandekx licenzji, u fil-fatt tibqa' topera, m' hijiex sfida ta' ordni legittima, izda hija minnha nfisha cirkostanza li twassal ghal procedure kontra l-persuna ghal ksur ta' dispozizzjonijiet tal-ligi kif gara fil-kaz odjern, hlief ghal dik li m' obdiex ordni legittima.

Fl-ahhar nett, meta l-Qorti ordnat lill-esponent jikkonferma ruhu mal-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, specfikatament tghid fiex kellha tikkonsisti din il-konformita', u fi kwalunkwe kaz l-artikolu fuq imsemmi mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti fl-ewwel aggravvju minnu interpost jilmenta mill-fatt illi fl-atti probatorji ma hemmx prova dwar il-licenzji mehtiega mill-appellanti sabiex jiggesstixxi n-negozju tieghu bhala *panel beater* u *spray painter* ta' vetturi u lanqas tressqet prova dwar il-fatt illi l-appellanti ma kienx jippossjedi tali licenzji.

Illi minn ezami ta'l-atti jirrizulta illi l-provi kollha f'dan il-kaz gew ikkumpilati mill-perit tekniku Valerio Schembri innominat f'din il-kawza mill-Ewwel Qorti u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2015 bl-inkarigu "**sabiex jaccedi fuq il-post u jirrelata dwar il-kaz u possibbli soluzzjonijiet sanitarji jekk l-imputazzjonijiet jirrizultaw."** Illi ghalhekk jirrizulta minn din in-nomina illi l-manzjonijiet riposti f'idejn l-espert kienu limitati ghall-access fuq il-post u ma inghata l-ebda fakolta li jisma' ix-xhieda bil-gurament. Il-perit tekniku izda hekk ghamel u ipproceda biex jisma lill-ko-litigandi u cioe' lill-parti leza, lill-imputat u lix-xhieda imressqa minn dawn iz-zewg partijiet. Ma jidhirx illi kien hemm xi intervent minn naha tal-Prosekuzzjoni biex tressaq provi ulterjuri. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-aqwa prova mehtiega u dan referribbilment ghall-ewwel akkuza dwar il-licenzji mehtiega mill-appellanti sabiex jiggestixxi in-negozju tieghu u dan ghaliex l-akkuza li inghatat hija wahda generali fejn fil-komparixxi lanqas gie indikat l-artikolu tal-ligi illi tieghu kienet qed tigi imputata l-vjolazzjoni. Illi difatti l-Ewwel Qorti hasset illi kellha issib htija ai termini ta'l-artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali meta dan l-artikolu tal-ligi jista' jkun mhux dak indikat fic-cirkostanzi. Dan qed jinghad ghaliex ai termini tal-Att tal-2001 dwar il-Licenzji tal-Kummerc, kif sussegwentement emendat, il-materja tal-licenzjar ta' attivitajiet kummercjali hija regolata mill-istess Att u ir-regolamenti li jaghmlu mieghu. Fil-fatt jidher illi permezz ta'l-Avviz Legali 420 tal-2016 li gie fis-sehh fl-1 ta' Jannar tal-2017, ma hemmx iktar il-htiega tal-licenzja

tal-kummerc mahruga taht ir-regolamenti imsemmija, fil-kaz tal-attivita kummercjali gestita mill-appellanti ghalkemm dawn jibqghu soggetti "għall-obbligazzjonijiet rilevanti taħt l-Att u regolamenti magħmulin taħtu kif ukoll kull obbligu, awtorizzazzjoni, approvazzjoni u permess mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn entitajiet oħra li jistgħu jiġu mniżżla fi, u applikabbli minn, leġiżlazzjoni li tkun valida fis-seħħ dak iż-żmien."

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm fiz-zmien li sehh ir-reat kien jenhtieg licenzja tal-kummerc, madanakollu l-akkuza ma tindikax ghal liema permess jew licenzja qed issir referenza, jekk hux din jew dik mahruga mill-MCCAA (li l-appellanti kien jippossjedi) jew inkella l-permessi mehtiega mill-Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Fil-fatt fil-konkluzjonijiet ghar-rapport tieghu l-perit tekniku jindika illi dan l-ahhar permess huwa mankanti billi z-zona li fiha jopera l-appellanti hija zona residenzjali.

Kwindi kien jinkobi fuq l-Prosekuzzjoni li tressaq dawk il-provi kollha permezz tax-xhieda tal-awtoritajiet koncernanti u dokumenti ufficjali li dawn jistghu jippossjedu sabiex jissostanzjaw l-ewwel akkuza imressqa kontra l-appellanti u li inoltre jindikaw taht liema disposizzjoni tal-ligi qed jigi akkuzat. Dan iktar u iktar ghaliex:

*"Meta sabet lill-appellant hati ....... l-Ewwel Qorti ccitat l-artikolu 338 (gg) tal-Kodici Kriminali u cioe' dik li tirrendi persuna hatja ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku meta,* ***minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament f' dan il-Kodici jew f' xi ligi ohra****, (emfasi tal-Qorti) jaghmel xi haga minghajr licenzja ta' l-awtorita' kompetenti , meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti skond il-ligi. Din id-dispozizzjoni pjuttost enigmatika fid-dicitura taghha jekk mhux addirittura "self contradictory" jidher li tirriferi ghal xi agir li ma jkunx kopert mill-Kodici Kriminali jew minn xi ligi ohra[1]."*

Illi l-perit Tekniku, Valerio Schembri, allura ma setax jasal ghal konkluzjoni illi l-akkwati ai fini ta' MEPA huma zona residenzjali, meta prova f'dan ir-rigward ma tezistiex permezz tax-xhieda ta' ufficjali minn din l-Awtorita u/jew xi dokument ufficjali fir-rigward. Lanqas ma jirrizulta illi xehed xi rapprezentant mid-Dipartiment tal-Licenzji tal-Kummerc sabiex jixhed dwar

[1] Il-Pulizija vs Francis Xavier Borg App. Inf 28/04/2005

x'licenzji li kellu bzonn l-appellanti biex jiggestixxi in-negozju tieghu, kif lanqas xehed l-Ufficjal Prosekutur biex jindika jekk kienx hemm xi permessi jew licenzji mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija ai fini tal-gestjoni tan-negozju. Dan qed jinghad ghaliex, minghajr din il-prova essenzjali u minghajr indikazzjoni minn naha tal-Prosekuzzjoni dwar liema nuqqas ta' permess jew licenzja kien qed jigi akkuzat l-appellanti, l-Ewwel Qorti ma setatx tghaddi biex issib htija kontravvenzjonali jekk kien hemm xi ligi ohra li tahtha l-appellanti kellu jigi akkuzat.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravvju jisthoqqlu akkoljiment billi ma hemm l-ebda prova in atti dwar x'licenzja jew licenzji l-appellanti naqas li ikollu sabiex jiggestixxi in-negozju tieghu sabiex allura tista tinstab htija fil-konfront tieghu. Deciz dan allura din il-Qorti tqies illi ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-ahhar aggravvju sollevat mill-appellanti marbut mal-ordni moghtija mill-Ewwel Qorti taht l-artikolu 377 tal-Kap.9..

Fit-tieni aggravvju minnu imressaq, l-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament sabet htija ghat-tieni imputazzjoni billi ma jirrizultax x'kienet dik l-ordni u li jekk inghatat l-appellanti kellu l-intenzjoni jisfida dik l-ordni. Jargumenta ukoll illi l-ordni trid tkun wahda li timpingi fuq azzjoni istantanja u mhux bhal fil-kaz ta'l-appellanti fejn dan qallu biex ma ikompliex jiggestixxi n-negozju tieghu ghaliex jekk tirrizulta din l-vjolazzjoni tal-ligi hija rimessa biss fil-gudizzju tal-qorti wara akkuzi li jinharrgu ghaldaqstant. Illi l-appellanti hawnhekk qed jirreferi ghall-akkuza kontravvenzjonali prevista fl-artikolu 338(ee) tal-Kap.9. Illi mill-affidavit ta' PS455 E. Sammut jirrizulta s-segwenti u dan marbut ma' din l-akkuza:

"... meta kellimtu (b'referenza ghal Bugeja), rigward din l-allegazzjoni tal-kwerelanta hu ammetta li ilu snin jahdem fl-imsemmi garaxx tieghu bla permess u qalli li ma kienx sejjer jieqaf milli jahdem ghax dan kien hobzu. **Meta tajtu ordni biex jieqaf David irrifjuta u qalli irrapurtani kemm trid.**"

Illi huwa indubitat illi minn din x-xhieda l-isfida lejn l-awtorita tirrizulta car u tond. Din kienet ordni ta' natura istantanja u allura messa giet obduta minnufih mill-appellanti li wara seta' jaghmel il-verifiki kollha li hass li kienu mehtiega dwar il-permessi relattivi ghax-xoghol li kien qed jigi minnu

esegwiet. Ma jistax ikun hemm gustifikazzjoni ghan-non-kuranza minn naha ta'l-appellanti tal-awtorita pubblika ghaliex allura l-ordni pubblika qatt ma tista tirrenja! Kwindi dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi rigettat.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa l-appell in parte tghaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hati tat-tieni akkuza u fejn illiberatu mill-ahhar akkuza, tirrevoka fejn din sabet htija ghall-ewwel imputazzjoni u konsegwentment tghaddi biex tilliberah minnha. Tvarja l-peina inflitta fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz u minflok ammenda ta' €110 bl-applikazzjoni ta'l-artikoli 533 u 377 in konnessjoni mal-hlas tal-ispejjez peritali u l-ottemperanza mal-ligi, tikkundannah ghall-ammenda ta' €50.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur